18 MAR 2025

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 609**

**Il-Ħamis 6 ta' Frar, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.13 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 609.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

609.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku jkun skużat.

609.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

## 609.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

609.2.1 Is-Sur Leone Sciberras irrimarka li matul l-aħħar laqgħa huwa talab li fl-aġenda tkun inkluża diskussjoni dwar l-inklużjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din mhix korrezzjoni peress li fil-minuti tal-laqgħa 608 ġie mniżżel b'mod ċar li s-Sur Sciberras għamel din it-talba. Is-Sindku spjega li fil-fatt, is-Segretarju Eżekuttiv kienet inkludiet dan il-punt fl-aġenda, madankollu huwa, bħala Sindku, talab li dan jitneħħa peress li, f'dak l-istadju, ma kienx għad għandu biżżejjed materjal biex issir diskussjoni sostantiva fuq is-suġġett. Minkejja dan, qal li matul l-*item* Komunikazzjoni mis-Sindku kien ser jagħti ħarsa ġenerali dwar il-punti ewlenin li ġew diskussi mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità .

609.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-minuti tas-608 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 609.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

609.3.1 Is-Sindku qal li flimkien mas-Sur Leone Sciberras, kellhom laqgħa mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sabiex jiddiskutu modi kif itejbu l-aċċessibilità għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Ħaż-Żabbar u biex jitolbu lil CRPD tagħmel analiżi u rapport dettaljat dwar l-istat tal-aċċessibilità fil-lokalità. Is-Sindku spjega li CRPD indikaw li m' għandhomx biżżejjed riżorsi disponibbli sabiex joħorġu dan ir-rapport u s-Sindku żied jgħid li jekk il-Kunsill kellu jikkonsidra jitlob lill-perit tal-Kunsill iħejji dan id-dokument, dan jinvolvi spejjeż sostanzjali. Madankollu, is-Sindku qal li dan ma jfissirx li l-Kunsill m' huwiex impenjat għall-inklużjoni għaliex dejjem jikkonsidra l-bżonnijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali meta jwettaq x-xogħlijiet fit-toroq u fil-proġetti li jagħmel, u l-pavimentar u l-infrastruttura huma adattati b'rampi fejn meħtieġ sabiex jinżammu l-*istandards* ta' aċċessibilità. Is-Sindku żied jgħid li minħabba li CRPD ma jistgħux jipprovdu lista ta' residenti li għandhom bżonnijiet speċjali minħabba protezzjoni tad-data, is-suġġeriment tagħhom kien li l-Kunsill jipprepara ittra indirizzata lejn ir-residenti sabiex tkun ċirkolata minn CRPD. Is-Sindku kompla jgħid li ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li l-Kunsill jorganizza laqgħa pubblika speċjali indirizzata lill-persuni bi bżonnijiet speċjali, fejn CRPD offrew li jkunu preżenti sabiex isegwu u jisimgħu l-bżonnijiet u l-proposti tar-residenti, filwaqt li jappoġġjaw lill-Kunsill fil-kollaborazzjoni sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġu attenzjoni u miżuri għal aċċessibilità aktar tajba.

609.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar iċ-ċirkulari numru SPI/SCI/8/2024 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025 u nfurmat lill-membri preżenti illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €5,000.

609.3.3 Is-Sindku spjega li l-Aġenzija *Project Green* ser tniedi inizjattiva ġdida mmirata lejn il-Kunsilli Lokali bil-għan li jiżdied l-ammont ta' siġar u arbuxelli f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż. Is-Sindku żied jgħid li l-ispejjeż kollha relatati mat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli f'dan il-proġett ser ikunu ffinanzjati mill-Aġenzija *Project Green*, inkluż it-tisqija u l-manutenzjoni tagħhom. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti s-suġġerimenti tiegħu għal din l-inizjattiva, b'mod partikolari billi jitlob li jiġu nklużi ż-żoni indikati fl-applikazzjoni ta' Vjal Kulhadd, peress li Ħaż-Żabbar ma kienx fost il-lokalitajiet magħżula. Is-Sindku żied jgħid li f'każijiet fejn hemm siġar invażivi, dawn għandhom jitneħħew u jinbidlu b'siġar oħra. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk is-siġar invażivi kinux ser jitħawwlu x'imkien ieħor. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku elenka t-toroq fejn il-Kunsill qed jipproponi li jitħawwlu siġar u arbuxelli, fosthom: Triq l-Aħħar Ħbit mit-Toroq, Triq il-Qasam Industrijali, Triq l-Għakrux, Triq il-Farfett tal-Fejġel, Triq Wied il-Għajn ftit qabel iż-żona tal-Bidni, Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti, kif ukoll fir-*roundabout* li hemm bejn Triq tal-Labour, Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq Bormla. Is-Sinjorina Martina Baldacchino ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

609.3.4 Is-Sindku rrefera għal proposta ppreżentata minn Ambjent Malta dwar ix-xogħlijiet ippjanati fir-*roundabout* fi Triq San Leonardu, fejn spjega li l-forma u d-disinn tar-*roundabout* se jibqgħu l-istess, u l-uniku intervent previst minn Ambjent Malta huwa t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli sabiex tittejjeb l-estetika u l-ambjent tal-inħawi. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien diġà għamel ftehim ma' Ambjent Malta sabiex dawn jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tas-*soft area* mingħajr ebda spiża għall-Kunsill. Is-Sindku kkonferma wkoll li r-*roundabout* ser tkun mgħammra b'sistema ta' irrigazzjoni li ser tintuża biex tiġi żgurata l-kura kontinwa tas-siġar u l-arbuxelli li se jitħawwlu.

609.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-arkati tal-ħadid, li huma parti minn proġett ta' tisbieħ tal-isqaqien fiż-żona tal-Biċċieni, kienu waslu iżda għadhom iridu jiġu installati. Is-Sindku żied jgħid li, bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kunsill kien ser jixtri pjanti jixxebilku li se jitqiegħdu mal-arkati biex jikkumplimentaw id-disinn u jsebbħu l-estetika tal-inħawi. Is-Sindku spjega li dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat permezz ta' fondi allokati mill-proġett tal-LESA. Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li dan il-proġett ser ikollu impatt pożittiv fuq id-dehra tal-lokalità. Madankollu, huwa rrikonoxxa li għad hemm sfida ambjentali persistenti fiż-żona tal-Biċċieni, fejn it-trakk tal-iskart għadu qed jagħsar l-iskart u dan qed jikkawża ħmieġ u riħa tinten fuq l-art. Għaldaqstant, is-Sur Scicluna staqsa x'passi jistgħu jittieħdu sabiex din il-problema tiġi indirizzata b'mod effettiv. Is-Sindku qal illi r-Reġjun Port kien għaddej b'analiżi dwar il-kuntrattur tal-iskart.

609.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-iskemi li ġew imħabbra mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli.

**SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026**

609.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu, jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' din l-iskema hija nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025. Għaldaqstant, hija talbet sabiex tingħata deskrizzjoni komprensiva tal-attività fl-iqsar żmien possibbli, sabiex l-attivita' tiġi ppjanata b'mod effiċjenti u ssir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni fiż-żmien stabbilit.

**SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025**

609.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema se tiffinanzja sa massimu ta' €1,500 (VAT inkluż). Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema finanzjarja.

**SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025**

609.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €15,000 (VAT inkluż). Il-Kunsill huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu, jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema u li jiffinanzja 15% tal-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din l-iskema kienet tinvolvi ammont sostanzjali ta' xogħol preparatorju u nfurmat lill-membri li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025. Għaldaqstant, talbet li tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-attività fl-iqsar żmien possibbli sabiex tkun tista' tippjana l-avveniment kif meħtieġ u tissottometti l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat.

609.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi approvat il-*performance bonus* ta' ex impjegata, peress li bi żvista ma ġiex inkluż fil-lista li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*performance bonus* tal-ex impjegata skont id-dokument anness.

609.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tixtri *laptop* u *printer*, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura tan-*network* adegwata għall-installazzjoni tal-Wi-Fi tal-MITA sabiex jiġi aċċessat mill-uffiċini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li dan il-proġett se jippermetti lill-impjegati tal-Kunsill aċċess effiċjenti għal risorsi diġitali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li tixtri *laptop* u *printer*, kif ukoll li jinbeda l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tan-*network* adegwata għall-installazzjoni tal-Wi-Fi tal-MITA.

609.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien sejjaħ laqgħa mal-*Union* tal-bejjiegħa tal-monti biex jifhem aħjar il-proċess ta' amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni tagħhom. Wara din il-laqgħa inizjali, huwa wkoll organizza laqgħa mal-għola uffiċjali tad-Dipartiment tal-Kummerċ u d-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, li għaliha attenda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. L-għan ewlieni ta' din il-laqgħa kien li jiġu ċċarati l-proċessi u r-responsabbiltajiet kemm tal-Kunsill kif ukoll tad-Dipartiment tal-Kummerċ fir-rigward tal-monti. Matul id-diskussjonijiet ġie spjegat li l-liġi dwar l-operat tal-monti taqa' taħt il-Ministeru għall-Ekonomija u l-Ministeru għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill huwa responsabbli biex jimmarka l-postijiet assenjati għall-bejjiegħa, iżomm lista aġġornata tagħhom, u jassigura li l-operat isir b'mod ordnat u regolat. Min-naħa l-oħra, id-Dipartiment tal-Kummerċ huwa responsabbli biex jiżgura li l-bejjiegħa kollha joperaw bil-liċenzja meħtieġa. Is-Sindku saħaq li, f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jirriloka l-bejjiegħa tal-monti, għandu jkun hemm konsultazzjoni estensiva mal-*istakeholders* kollha. F'dan il-kuntest, is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-konsultazzjoni għandhiex issir f'laqgħa waħda li tiġbor flimkien il-partijiet kollha. Is-Sindku enfasizza li għandha ssir aktar minn laqgħa waħda biex kull grupp ta' *stakeholders* jingħata l-attenzjoni dovuta. Għaldaqstant, il-Kunsill se jibda billi jiltaqa' mal-bejjiegħa tal-monti, imbagħad mar-residenti u mal-kumplament tal-*istakeholders*. Is-Sindku qal li waqt laqgħa preċedenti, il-Kunsill kien iddiskuta l-possibbiltà li l-bejjiegħa kollha jiġu trasferiti lejn Misraħ is-Sliem, filwaqt li Misraħ San Ġakbu tibqa' miftuħa u mhux okkupata mill-monti. Madankollu, xi bejjiegħa avviċinawh u esprimew tħassib dwar id-diffikultajiet li jistgħu jaffaċċjaw jekk jiġu trasferiti għal Misraħ is-Sliem. Għaldaqstant is-Sindku ppropona soluzzjoni alternattiva li tinvolvi l-użu tat-triq, li hemm eżattament fiż-żona quddiem l-ex Sptar St James. Skont din il-proposta, nhar ta' Sibt biss, matul il-ħinijiet tal-monti, il-parkeġġ tal-karozzi f'din iż-żona jitneħħa biex il-bejjiegħa tal-monti jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan l-ispazju. Fl-istess ħin, in-naħa tal-kafeterija tkun aċċessibbli bħala triq b'żewġ direzzjonijiet esklussivament għar-residenti li jkollhom bżonn jaċċessaw il-garaxxijiet tagħhom. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk matul il-ħinijiet tal-monti jkunx possibbli li jintużaw Sqaq Lajri u Sqaq San Pawl bħala żoni ta' parkeġġ għall-vetturi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-spazji allokati li bħalissa jinsabu quddiem il-kafeterija f'Misraħ San Ġakbu, jiġu trasferiti quddiem l-ex Sptar St James. Is-Sindku spjega li t-tieni pass fil-proċess tar-riorganizzazzjoni tal-monti huwa l-konsultazzjoni mal-*istakeholders*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara din il-konsultazzjoni, il-perit tal-Kunsill irid jipprepara *site plan* uffiċjali li tidentifika l-arranġament il-ġdid, u fuq din il-bażi titressaq talba formali biex tiġi emendata l-*Legal Notice* relatata mal-monti ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku enfasizza li għandha tintbagħat korrispondenza uffiċjali lil Transport Malta biex jiġi diskuss dan it-tibdil u jiġu kkordinati l-miżuri meħtieġa. Rigward l-allokazzjoni tal-postijiet quddiem l-ex Sptar ta' St James, is-Sindku spjega li għandha tingħata prijorità lil dawk il-bejjiegħa li bħalissa diġà għandhom post, u jekk jibqa' spazju, jiġu kkunsidrati dawk fil-*waiting list* wara verifika mid-Dipartiment tal-Kummerċ. F'każ ta' spazji vakanti addizzjonali, tinħareġ sejħa għall-espressjoni ta' interess. Ladarba l-proposta titressaq lil Transport Malta, il-Kunsill għandu jressaq talba formali lid-Dipartiment tal-Ekonomija u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tiġi emendata l-*Legal Notice* li tistabbilixxi l-post uffiċjali tal-monti skont is-*site plan* il-ġdida; u kif tiġi approvata mill-Kabinett, jibda l-proċess ta' rilokazzjoni. Is-Sindku informa lill-membri li, wara

komunikazzjoni mas-Supretendent, inħarġu diversi taħrikiet lil dawk li kisru r-regolamenti tal-monti matul il-ġurnata tas-Sibt.

609.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kumpanija *Premier Business Limited* resqet Ittra ta' Oġġezzjoni fir-rigward tas-sejħa għall-offerti għas-Servizzi ta' Knis tat-Toroq fil-Lokalità ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 4/2024). Konsegwentament, skont il-proċeduri stabbiliti, il-proċess għas-sejħa għall-offerti jiġi sospiż immedjatament u ma jistax jiġi konkluż jew attribwit sakemm l-oġġezzjoni tiġi indirizzata u jiġu eżaminati l-aspetti kollha relatati mal-proċess tal-evalwazzjoni mid-Dipartiment għall-Kuntratti. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tispjega li l-Kunsill se jkollu temporanjament ikompli juża s-servizzi tal-kuntrattur preċedenti. Madankollu, peress li l-kuntratt oriġinali skada, il-Kunsill irid jikseb permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jingħata konċessjoni jagħti *direct order*. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skont il-linji gwida 3.5 sabiex jingħata konċessjoni u jkun jista' jitlob is-servizz tal-knis tat-toroq lis-Sur Owen Borg għall-prezz ta' €9,534.35 fix-xahar, sakemm il-proċess mid-Dipartiment għall-kuntratti jiġi konkluż.

609.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt ta' Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024R) u nforma lill-membri preżenti li l-Bord ta' Evalwaturi kien għadu għaddej bil-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-Bord ta' Evalwaturi bħalissa qed jistenna kjarifiki minn operaturi nteressati, sabiex ikun jista' jagħmel valutazzjoni kompluta u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-offerti.

609.3.15 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu bdew ix-xogħlijiet ta' titjib fil-*playing field* Ġnien Tamara Psaila, li qed jitwettqu permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun. Matul id-diskussjoni, is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li wħud mill-fanali ornamentali l-ġodda li ġew installati fiż-żona tal-*Housing Estate* kienu għadhom mitfija.

609.3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill approva li titressaq talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jingħata konċessjoni għal *direct order* fir-rigward tas-Sur Rennie Abela għall-kostruzzjoni tal-monument ta' Ferdinand Von Hompesch. Madankollu, it-talba ma setgħetx tiġi sottomessa mmedjatament minħabba li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex il-proposta ffirmata, li hija rekwiżit essenzjali mid-Dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din il-proposta waslet biss illum qabel din il-laqgħa, u għaldaqstant issa tista' tkompli bil-proċess biex titressaq it-talba skont il-proċeduri meħtieġa.

609.3.17 Is-Sindku rrefera għal dak li kien qal fil-laqgħa preċedenti fejn iddiskuta l-possibilità li jiġu organizzati *Youth Exchanges* u kien indika li l-applikazzjoni kienet se tkun iffinanzjata kompletament mill-Unjoni Ewropeja, u li l-prezz għal servizz tal-mili tal-applikazzjoni kien ta' €350 VAT inkluż. Madankollu, is-Sindku ammetta li kien żbaljat u spjega li fil-fatt, il-mili tal-applikazzjoni kienet ser issir mingħajr ħlas, iżda ladarba tkun aċċettata, il-Kunsill ikun mitlub iħallas is-somma ta' €4,500 lis-Sur Carlos Zarb. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-fondi Ewropej sabiex jorganizza *Youth*

*Exchanges* u li jingaġġa lis-Sur Carlos Zarb għall-prezz ta' €4,500 f'każ li l-applikazzjoni tintgħażel.

609.3.18 Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet fi Triq San Ġużepp, li qed isiru mill-Gvern Ċentrali, kienu għaddejin kif mistennija. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jibda x-xogħol infrastrutturali minn Infrastruttura Malta fi Triq San Anard, Sqaq Fwieni u fi Triq il-Mehrież.

609.3.19 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tlesta l-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-installazzjoni taċ-*charging pillars* u x-xogħlijiet huma skedati li jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. F'Ħaż-Żabbar iċ-*charging pillars* huma previsti li jiġu nstallati fi Triq id-Dukkar, Triq Santa Duminka u Triq A Caligari.

609.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-sistema ta' irrigazzjoni mad-dawra tal-iskola kienet tlestiet, u li dan il-pass kien neċessarju sabiex is-siġar u l-arbuxelli madwar l-iskola jissaqqew kif meħtieġ. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin huwa mistenni li jibda x-xogħol għall-installazzjoni tal-*green wall* mal-ħajt tal-iskola. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk hemmx problema fis-sistema ta' irrigazzjoni fl-ex venda ta' Triq is-Santwarju, għax skont l-osservazzjonijiet tiegħu, is-siġar qed jingħataw wisq ilma, peress li kull darba li jgħaddi minn dan il-post, huwa jinnota l-ilma. Is-Sindku wieġeb li s-sistema ta' irrigazzjoni fl-ex venda qed taħdem kif suppost u li m'hemmx problemi evidenti f'din is-sistema. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kienet skedat laqgħa mal-perit tal-*Wasteserv* li ħadu ħsieb ix-xogħlijiet fl-ex venda, biex jiġu diskussi diversi problemi relatati mal-ilma li qed jidħol fil-*pump* room li hemm taħt l-ex venda.

609.3.21 Dwar il-polza ta' assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, qabel unanimament li jġedded il-polza għall-ħlas ta' €65.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

609.3.22 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati żewġ attivitajiet; il-Kunċert ta' Ħadd in-Nies nhar is-Sibt 8 ta' Marzu, 2025 u l-*peagent* 'L-Erbgħa tat-Tniebri' nhar l-Erbgħa 16 ta' April, 2025 , liema spiża għaż-żewġ attivitajiet għandha tkun ta' €3,000 VAT inkluż. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien stieden lill-għaqdiet mużikali lokali għal laqgħa sabiex jiġu diskussi erba' attivitajiet li ser jittellgħu b'kollaborazzjoni mal-Kunsill matul is-sena 2025. B'reazzjoni għal din l-istedina, is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ esprimiet l-interess tagħha li tiltaqa' mal-Kunsill, u għaldaqstant ġiet stabbilita data għal-laqgħa. Min-naħa l-oħra, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għażlet li tibgħat żewġ talbiet separati għall-kollaborazzjoni iżda, s'issa, ma skedatx laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi dawn il-proposti. Is-Sindku saħaq li jekk il-Kunsill jaqbel li japprova dawn iż-żewġ attivitajiet, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-erba' attivitajiet li ser jittellgħu b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Peress li l-laqgħa mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għadha ma saritx u minħabba li waħda mill-attivitajiet, il-Kunċert ta' Ħadd in-Nies, hija skedata għat-8 ta' Marzu 2025, is-Sindku ressaq proposta sabiex, jekk il-Kunsill jaqbel, huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sur Carlo Scicluna jiltaqgħu mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda

San Mikiel f'isem il-Kunsill biex jiddiskutu jekk din l-attività għandhiex tkun waħda mill-erba' attivitajiet li ser jiġu approvati bħala parti mill-programm ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet kemm hu proġettat li jkun il-baġit totali għal dawn l-erba' attivitajiet. Is-Sindku spjega li dan għad irid jiġi stabbilit mill-Kunsill wara li jsiru d-diskussjonijiet mal-għaqdiet. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill japplika għall-fondi minn skemi maħruġa mill-Gvern Lokali, u dawn l-inizjattivi jinvolvu l-għaqdiet lokali, tali attivitajiet ma jiġux inklużi fost l-erba' attivitajiet maqbula iżda jiġu kkunsidrati bħala addizzjonali. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività ta' Ħadd in-Nies bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, bil-kundizzjoni li din l-attività tkun inkluża fost l-erba' attivitajiet li ser jiġu organizzati b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**609.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

609.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-8 ta' Jannar 2025 u s-6 ta' Frar 2025 li kienet tammonta għal €171,186.10.

609.4.2 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont ta' €540 lil *Marigold Foundation* għall-organizzazzjoni tal-attivita' tal-anzjani li saret f'Ottubru 2024. Barra minnhekk, talab li jsir ħlas ta' €1,395 għas-servizz ta' tindif tal-latrina għax-xahar ta' Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex dawn il-kontijiet. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova dawn il-pagamenti.

609.4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' tindif tal-latrini pubbliċi. Il-kundizzjonijiet tas-sejħa għandhom jinkludu li l-offerta tkun għal *attendent* wieħed responsabbli għat-tindif u l-manutenzjoni taż-żewġ latrini pubbliċi, dawk li jinsabu fi Ġnien il-Kunsill u fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk is-sejħa għall-offerti kinitx ser issir minflok il-Memorandum ta' Ftehim li kien ippjanat mad-Direttorat ta' *Clean Malta.* Is-Sindku spjega li d-Direttorat għadu ma pprovdiex l-approvazzjoni finali, u l-Kunsill ma jistax jibqa' jopera bil-latrini magħluqa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' tindif tal-latrini pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minkejja li jkun hemm *attendant* wieħed li jieħu ħsieb iż-żewġ latrini, il-Kunsill xorta jista' jkun suġġett għal atti ta' vandaliżmu, peress li sakemm l-*attendant* ikun qed inaddaf latrina waħda, l-oħra tista' tiġi vandalizzata waqt dan il-proċess. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ħa passi biex inaqqas dan ir-riskju billi ordna l-installazzjoni ta' aktar kameras tas-sigurtà fi Ġnien il-Kunsill u fi Triq iċ-Ċawsli. Dawn il-kameras se jkunu ta' deterrent effettiv kontra l-vandaliżmu.

609.4.4 Peress illi fis-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' tisbiħ tal-latrina pubblika fi Triq iċ-Ċawsli ma kienx inkluż fil-kundizzjonijiet tal-offerta l-ħtieġa li jsir suffett fil-latrina, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tas-suffett tal-*gypsum* fis-saqaf tal-latrina, għall-prezz ta' €2,700, inkluż VAT. Fuq il-proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament din in-nefqa.

### 609.5 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

609.5.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura CCF912 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kunvent, fejn talab kumpens ta' €165.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu wara li laqgħat katusa fejn jidħol arblu tal-festa. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-sid tal-vettura kien għamel ħsara mal-*manhole cover* ta' arblu tal-festa, u żied jgħid li t-toqob tal-arbli ma kinux fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta minħabba li l-Kunsill mhux responsabbli mit-toqob tal-arbli tal-festa. [1]

609.5.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li sid ta' vettura avviċinatu biex tirrapporta inċident allegat li seħħ fi Triq iċ-Ċawsli, li kien jinvolvi l-vettura tagħha u l-vann tal-Kunsill. Skont is-sid tal-vettura, hija nnutat makkjatura fuq il-ġenb tal-karozza tagħha u allegat li dan kien ikkawżat meta l-ħaddiema tal-Kunsill ipparkjaw il-vann biswit il-vettura tagħha u, waqt li fetħu l-bieba, laqtulha l-karozza. Is-Sindku spjega li mar personalment jivverifika l-karozza tas-sid sabiex jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi tal-allegat inċident. Min-naħa tagħha, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija saret taf b'dan il-każ l-għada li sar l-inċident, u tkellmet mal-ħaddiema tal-Kunsill involuti, iżda dawn ċaħdu kwalunkwe involviment fl-inċident. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid ukoll li l-Kunsill, s'issa, ma rċieva l-ebda rapport uffiċjali dwar dan il-każ. Is-Sindku kkonferma li s-sid tal-vettura fetħet rapport mal-pulizija rigward l-inċident. F'dan il-kuntest, is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk is-sid tal-vettura kinitx sejħet *warden* fuq il-post għall-verifika. Is-Sindku spjega li huwa mar fuq il-post wara li sid il-vettura innotifikatu bl-inċident.

609.5.3 Fit-7.41 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

609.5.4 Fit-7.47 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

609.5.5 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jistenna r-rapport uffiċjali sabiex dan il-każ jiġi riferut lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kunsill.

### 609.6 Ittri Legali

609.6.1 Ma kienx hemm ittri legali.

### 609.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

609.7.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq iċ-Ċimiterju kien hemm trinka u niżlet u talab li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

609.7.2 Is-Sur Leone Sciberras talab lill-Kunsill biex jagħmel pressjoni mal-awtorità kompetenti sabiex il-*bus shelter* bl-isem Bur Bur jiġi rranġat.

609.7.3 Is-Sur Leone qal li fi Triq ix-Xgħajra kien sar żvilupp ta' kostruzzjoni u tkisser kaptell tad-drenaġġ u kienet waqgħet mara f'dak il-post. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jiġi ppreżentat rapport uffiċjali lil *Building and Construction Authority* sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

609.7.4 Is-Sur Leone Sciberras irrimarka l-ħtieġa li jerġgħu jitwaħħlu r-*road humps* fi Triq Alessio Erardi, peress li dawn tneħħew waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-triq. Is-Sur Sciberras enfasizza li minħabba n-nuqqas tagħhom, il-vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva u dan joħloq periklu għar-residenti. Is-Sindku spjega li wara li nfetħu t-toroq ġodda biswit Triq Alessio Erardi, l-ilma tax-xita kien qed jinżel b'saħħtu, u l-*flow* tal-ilma, flimkien mal-konfigurazzjoni tat-triq, ikkawżaw li r-*road humps* preċedenti kienu qed jikkontribwixxu għal għargħar fil-*basement* tal-Knisja tas-Salib Imqaddes. Is-Sur Sciberras staqsa jekk teżistix soluzzjoni alternattiva li tippermetti t-tnaqqis tal-veloċità tal-vetturi mingħajr ma tikkawża problemi oħra u ssuġġerixxa l-installazzjoni ta' *road hump* iddisinjata b'tali mod li tippermetti l-fluss tal-ilma. Is-Sindku wieġeb li f'każijiet fejn jitħalla spazju, il-vetturi spiss jersqu lejn it-truf tat-triq sabiex jevitaw ir-*road humps*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill jista' jikkunsidra l-possibbiltà li tiġi nstallata *road hump* fil-viċinanzi ta' Triq ix-Xgħajra. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-installazzjoni tkun suġġetta għall-approvazzjoni tar-residenti li d-dar tagħhom tinsab direttament quddiem il-post propost għar-*road hump*.

609.7.5 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar ilment li diġa kienet ressqet minħabba li quddiem residenza fi Triq ~~ix-Xgħajra~~ Santa Marija kienet qed toqgħod għadira ilma. Is-Sinjura Calleja speċifikat li dan ma kienx minħabba problema ta' għargħar fi Triq Santa Marija, iżda minħabba li quddiem din ir-residenza partikolari kienet nieżlet it-triq.

609.7.6 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tappiera li qed tħabbat fi Triq San Leonardu, fil-viċinanzi tar-*roundabout*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilment ġie mgħoddi lil Infrastruttura Malta f'diversi okkażjonijiet, iżda l-problema għadha ma ġietx indirizzata. Is-Sindku żied jgħid li kien se jerġa' jikkuntattja lill-Perit ta' Infrastruttura Malta sabiex dan l-ilment jiġi ndirizzat.

609.7.7 Il-Kaptan Patrick Barbara rraporta li fi Triq iċ-Ċulqana kien hemm individwu li tefa' numru ta' *barriers* fuq il-bankina, u bħala riżultat ta' dan, waqgħet mara. Is-Sindku qal li dan l-individwu kien talab li ssir *bollard* fuq il-bankina u li kien hemm diżgwit bejn il-ġirien f'din it-triq. Is-Sindku talab lill-Kaptan Barbara ifakkru dwar dan l-ilment matul il-ġurnata tal-għada, sabiex jgħaddi l-każ lill-pulizija biex jieħdu l-passi meħtieġa.

609.7.8 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitranġa l-isprall tal-ilma tax-xita fi Triq ix-Xgħajra, peress li l-konkos ta' mal-isprall kien sfronda u kien qed iżomm l-ilma.. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dan l-ilment diġa ġie mgħoddi lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

609.7.9 Is-Sur Carlo Scicluna tkellem dwar l-estensjoni tal-bankina li kellha ssir fi Triq San Leonardu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-ġranet li għaddew kellhom laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u fakkruh dwar dan, peress li kellu diversi xogħlijiet pendenti. Is-Sur Carlo Scicluna qal li huwa ltaqa' mal-persuna li ressqet l-ilment u li kienet infurmatu

li s-Sindku kien qallu mod ieħor, u li kien hemm kollox lest mill-perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-pjanta kienet lesta iżda mhux finalizzata.

609.7.10 Is-Sur Carlo Scicluna nforma lill-Kunsill li fi Triq Ġużeppi Pace fejn hemm ir-*roof garden* kien hemm id-dawl maqtugħ. Is-Sur Scicluna talab li l-Kunsill jieħu azzjoni biex jindirizza din il-problema.

609.7.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-14 t' Ottubru 2025, kien il-50 anniversarju mill-waqa' tal-Vulcan. Is-Sindku qal li flimkien mal-Kaptan Patrick Barbara kien ippjanat li ssir laqgħa mal-Forzi Armati ta' Malta, mal-Maġġur Buhagiar, sabiex tiġi diskussa l-possibbiltà ta' attività kommemorattiva f'dan il-jum importanti. Is-Sindku ssuġerixxa li jsir mafkar simboliku biex jiġi mfakkar dan l-anniversarju storiku. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li tiġi organizzata quddiesa ta' ringrazzjament.

609.7.12 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien hemm sprall fuq il-bankina mniżżel.

609.7.13 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq Wied il-Għajn minħabba li kienet niżlet it-triq.

609.7.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fl-20 ta' Marzu 2025 kien ser jiġi organizzat *coffee morning* għall-anzjani.

**609.8 Mozzjonijiet**

609.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**609.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

609.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

609.9.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATI
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-612 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu, 2025.

IFFIRMATI
Jorge Grech
Sindku